MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Numru. 29/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Petrovich Coreschi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Petrovich Coreschi ta’ 27 sena imwieled Pieta, data tat-twelid 10 ta’ Awwissu 1983, iben Anthony u Ruth nee Agius, residenti No. 3 flat 2, Triq San Dwardu, Bormla, detentur tal-Karta tal-Identita 409283 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fis-26 ta’ Jannar 2006 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi

preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(a) U aktar talli fis-26 ta' Jannar 2006 u matur l-ahhar jiem qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata amphetamine minghajr ma kien awtorizzat kif imiss bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.
Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija tieghu lill-ufficjal prosekutur, moghtija a tempo vergine meta gie arrestat, l-imputat kien ammetta li kellu l-pussess tar-raza tal-cannabis, pero cahad li t-trab abjad li nstab fil-pussess tieghu kienet is-sustanza amphetamine.

Illi fil-fatt fir-rapport tieghu, l-espert spizjar mahtur minn din il-Qorti, Mario Mifsud, wasal ghal konkluzjoni li fil-waqt li fit-trab kannella f'ammont net totali ta' 1.82 grammi instabet li kienet ir-raza tal-pjanta cannabis, ma nstabux sustanzi illegali fit-trab ta' lewn abjad, u li t-trab kristallin ta' lewn abjad kien citric acid.

Ghalhekk, l-ewwel imputazzjoni biss giet pruvata fil-konfront ta' l-imputat.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-pulizija u mill-ewwel ammetta

maghhom li kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-cannabis, u mill-provi jirrizulta li kellu ragun jikkontesta l-pussess ta' amphetamine.  Pero il-fedina penali aggiornata tieghu mhix wahda felici u fiha ghaxar (10) kundanni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, fil-waqt li ma issibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah minnha, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u qieghda tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2013, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------